**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**Vs**

**Omissis**
**Cezar Mihalache**
**Ionel Mihailvoici**

**Kumpilazzjoni Nru: 596/15**

Illum, 20 ta' April 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Omissis u l-imputati Cezar Mihalache, iben Daniel u Valercia nee' Stran, imwieled gewwa r-Rumania fl-4 ta' Settembru 1962, residenti 10, Paces' Guest House, Room 2, Triq San Agatha, Sliema, detentur ta' karta tal-identita' Rumena bin-numru RX 809886 u Ionel Mihailovici, iben Florea u Margareta, imwieled fil-15 ta' Frar 1957, u residenti 10, Paces' Guest House, Room 2, Triq San Agatha, Sliema, detentur ta' karta tal-identita' Rumena bin-numru RX 410489:

Talli bejn l-4 ta' Lulju u l-24 ta' Lulju 2015 f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnhom anke jekk fi zminijiet different, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Bejn il- 4 ta' Lulju u il- 24 ta' Lulju 2015, gewwa f' dawn il-Gzejjer ikkommettew serq ta' diversi oggetti u cioe' 12 il- Mobile u tablet liema ammont komplessiv jeccedi I-valur ta' € 2329.37, liema serq

huwa aggravat bil-valur ghad-detriment ta' diversi persuni u jew entitiajiet ohra u dan bi ksur ta' Art. 261(c) u 267 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Nhar il- 11 ta' Lulju 2015 ghal habta ta' 1915hrs gewwa tas- Sliema u/ jew f' dawn iI- Gzejjer ikkommettew serq ta' oggetti u ta' Mobile Phone ta' ammont li jeccedi l-valur ta' € 232.94 izda inqas minn €2329.37, liema serq huwa aggravat bil-valur ghad-detriment ta' Tadhg Tomas Fahy detentur tal-passaport Irlandiz bin-numru PA6245196 u dan bi ksur ta' Art. 261(c) u 267 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Nhar it- 13 ta' Lulju 2015 ghal habta tal-1100hrs, gewwa San Giljan u / jew f' dawn il- Gzejjer, ikkommettew serq semplici ta' Mobile ta' ammont li ma jeccedix il-valur ta' € 232.94 izda huwa ta' aktar minn € 23.29 ghad-detriment ta' Benjamin Craig Miller u dan bi ksur ta' Art. 285 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Nhar is- 16 ta' Lulju 2015 ghal habta ta' 1835hrs, gewwa tas- Sliema u/ jew f' dawn il- Gzejjer ikkommettew serq ta' Mobile Phone Iphone 5 ta' ammont li jeccedi l-valur ta' € 232.94 izda inqas minn €2329.37, liema serq huwa aggravat bil-valur ghad-detriment ta' Alexandra Michon u dan bi ksur ta' Art. 261(c) u 267 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Nhar is-17 ta' Lulju 2015 ghal habta ta' 0945hrs, gewwa tas- Sliema, u/ jew f' dawn il- Gzejjer ikkommettew serq ta' oggetti ta' ammont jeccedi l-valur ta' € 232.94 izda inqas minn € 2329.37, liema serq huwa aggravat bil-valur ghad-detriment ta' Ashley Richard Watkins u dan bi ksur ta' Art. 261(c) u 267 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Nhar is- 19 ta' Lulju 2015 ghal habta ta' 2000hrs, gewwa San Giljan u / jew f' dawn il- Gzejjer, ikkommettew serq ta' mobile Iphone 6 ta' ammont li jeccedi l-valur ta' € 232.94 izda inqas minn € 2329.37, liema serq huwa aggravat bil- valur ghad-detriment ta’ Dylan Borg detentur tal-karta ta' l-identita bin- numru 484197{M) u dan bi ksur ta' Art. 261(c) u 267 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Nhar il- 21 ta' Lulju 2015 ghal habta ta' 1429hrs gewwa tas- Sliema u/ jew f' dawn il- Gzejjer ikkommettew serq ta' Mobile Samsung Galaxy SS ta' ammont li jeccedi l-valur ta' € 232.94 izda inqas minn €2329.37, liema serq huwa aggravat bil-valur ghad-detriment ta' Juwoon Seo u dan bi ksur ta' Art. 261(c) u 267 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

   Lil Ionel Mihailovici wahdu talli:

8. Nhar is-17 ta' Lulju 2015 *f'* xi hin bejn 0950hrs u 1030hrs, gewwa tas- Sliema u / jew *f'* dawn il- Gzejjer Malta ikkommeta serq ta' flus ta' ammont li jeccedi € 232.94 izda inqas minn € 2329.37, liema serq huwa aggravat bil-valur ghad- detriment ta' Ashley Richard Watkins u dan bi ksur ta' Art. 261(c) u 267 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. U aktar talli bejn il- 4 ta' Lulju u il- 24 ta' Lulju 2015 b'hekk renda ruhu recediv ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi saru defenittivi w ma jistghux jigu mibdula u dan bi ksur ta' Artikolu 49,50 u 289 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Lil-Ionel Mihailovici, Cezar Mihalache u Omissis:

10. U aktar talli bejn il- 4 ta' Lulju u il- 24 ta' Lulju 2015 laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akwistata b'reat, u / jew xjentement b'kull mod indahhlu sabiex ibieghuhom jew imexxuhom u dan bi ksur ta' *Artikolu 334{a) to' Kapitlu* 9 *tal-Ligijiet ta' Malta*

II-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id- disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 ta' I-Att kontra l-Money Laundering, Kapitlu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A(2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u sabiex f'kaz ta' htija, tapplika I-provvedimenti ta' I-Artikolu 238 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda.

Rat li fis-seduta tallum l-imputati rregistraw ammissjoni u li huma kkonfermaw l-istess ammissjoni wara li l-Qorti tathom zmien sabiex jirrikunsidraw il-posizzjoni taghhom.

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-Prosekuzzjoni ddikjarat li l-ghaxar imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-imputazzjonijiet l-ohra rigwardanti serq.

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet l-ohra u ghaldaqstant dawn gew sodisfacjentement ippruvati.

Illi inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati, ic-cirkostanzi tal-kaz u l-fedina penali taghhom u tqis li fic-cirkostanzi ghandha timponi sentenza ta' prigunerija effettiva.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ghaxar (10) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputati, wara li rat l-artikoli 18, 31, 49, 50, 261(c), 267, 279(a)(b) u 289 ilkoll tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni, issib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba fil-konfront taghhom u tikkundannhom ghal ghoxrin (20) xahar prigunerija kull wiehed.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-talba tal-Prosekuzzjoni ghall-iffrizar tal-assi billi din it-talba kienet giet irtirata.

Inoltre′ tordna l-konfiska tal-oggetti esebiti.

Inoltre′ a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta′ Malta il-hatja ghadhom ihallsu l-ammont li se jigi notifikat lilhom mir-Registratur in konnessjoni mal-hatra ta′ Dr Martin Bajada u dan jekk jirrizulta li hemm dovut xi hlas. Kwalunkwe ammont dovut ghandu jithallas fi zmien xahar mid-data tan-notifika lilhom tal-avviz ghall-hlas.

Tordna li kopja ta′ din is-sentenza u tal-atti jintbaghtu lill-Avukat Generali skont il-ligi.

Dr Josette Demicoli LL.D
Magistrat